XEWKIJA

*MINUTI*
*KUNSILL LOKALI XEWKIJA*
*LAQGĦA NRU 424*
*IS-SITT KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 52*
*L-Erbgħa 27 ta' April, 2011*

*Il-Membri tal-Kunsill tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fis-6.00pm.*

*Preżenti:* *Dr. Monica Vella - Sindku*
*Mr. Teddy Mizzi*
*Dr. Marthese Portelli*
*Mr Hubert Saliba*

*Skużat:* *Mr. Joseph Vella - Viċi Sindku*

*Uffiċjali:* *Mr. Ruben Cassar*

*Intqalet it-talba.*

*Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 423 kienu tqassmu qabel u għalhekk ġew mgħoddija bħala moqrija u ġew approvati unanimament.*

## 1. Kwotazzjoni 2011-03 – dwar akkomodazzjoni

Sal-ħin tal-egħluq tal-kwotazzjoni Nru 2011-03, fil-kaxxa tal-offerti intefgħet kwotazzjoni waħda u li hija ta' St Joseph Home Hostel (€22.50). Il-Kunsill qabel li din hija rata ġustifikata u għalhekk qabel unanimament li għandu jaċċetta din l-istima. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil George Azzopardi (Segretarju tal-Action Committee għall-Park Reġjonali ta' Mgarr ix-Xini) b'din id-deċiżjoni sabiex ikun jista' jagħmel il-kuntatti neċessarji għal meta f'Lulju jiġu l-istudenti jagħmlu l-iskav fl-inħawi Tal-Loġġa.

## 2. Kwotazzjoni 2011-04 – dwar servizz ta' tindif tal-uffiċċju

Sal-ħin tal-egħluq tal-kwotazzjoni Nru 2011-04, fil-kaxxa tal-offerti intefgħu sitt kwotazzjonijiet u li huma ta' Louise Pace (€5.00), ta' Agostina Saliba (€7.00), ta' Bad Boy Cleaning Service Ltd (€9.44), ta' Jacqueline Refalo (€5.00), ta' CMC Services (€6.00) u ta' Gafa Saveway Cleaners Ltd (€5.75).

*(F'dan il-ħin il-Kunsillier Hubert Saliba ħareġ mill-kamra tal-laqgħat peress li ddikjara li għandu nteress pekunjarju)*

Il-Kunsill iddiskuta dwar dawn il-kwotazzjonijiet. Peress li l-aktar rata vantaġġjuża hemm żewġ kwotazzjonijiet li huma ta' Louise Pace u ta' Jacqueline Refalo (€5.00) il-Kunsill qabel li għandu jsejjaħ lil dawn it-tnejn għall-intervista. Il-Kunsill qabel li nitolbuhom iġibu magħhom il-kondotta tal-Pulizija. L-intervista ser issir nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju fit-3.30pm fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill kollha huma mitluba jattendu (ħlief il-Kunsillier Hubert

Saliba peress li ddikjara nteress pekunjarju). Għalhekk deċiżjoni dwar din il-kwotazzjoni tittieħed fil-laqgħa li jmiss u wara li jkunu saru l-intervisti.

*(F'dan il-ħin il-Kunsillier Hubert Saliba daħal fil-kamra tal-laqgħat)*

**3. Kiosks tal-Festa**

Fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienet ittieħdet deċiżjoni li l-kiosks tal-festa għandhom jitpoġġew fi Triq Ġuże' D'Amato kif propost mill-Għaqda tal-Armar ta' Triq San Bert. Għalhekk saru l-avviżi dwar dan it-tibdil. Kevin Grech f'isem is-sidien tal-Kiosks kiteb lill-Kunsill u talab biex issir laqgħa fejn jiġi diskuss dan is-suġġett. Il-Kunsill qabel li għandna niltaqgħu mas-sidien tal-kiosks nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju fl-3.45pm. Il-membri kollha tal-Kunsill huma mitluba jattendu għal din il-laqgħa. L-Għaqda tal-Armar ta' Triq San Bert se jiġu mitluba biex jattendu wkoll.

**4. Il-Kunsill approva li jsiru l-ħlasijiet kif imniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 6-39**

a. Il-Kunsill innota li l-kont tal-latrina pubblika li nbniet ġdida fi Triq tal-Ħamrija ġiet aktar mis-somma tal-offerta għar-raġuni li kif elenka l-Perit Scerri stess kienu saru xogħlijiet addizzjonali fosthom ġibja inkluż tqattigħ ta' blat, trinka għas-servizzi tad-dawl, ilma u drenaġġ li saret minn fejn inbniet fil-playing field u anke kelna naqsmu Triq tal-Ħamrija peress li s-servizzi kienu n-naħa l-oħra tat-triq. Bi żvista l-Perit ma kienx inkluda fl-iskeda tar-rati tat-tender wieħed mill-bjut u għalhekk dan ukoll kien addizjonali. Kien hemm ukoll il-ħadid li sar mar-rampa li hemm fuq barra u xi materjal ieħor bħal mirja, tabelli, nappy changer eċċ.

b. Dwar il-kont tal-A&M Printing dwar disinjar u tqassim tal-magazine tal-Kunsill, is-Sindku pproponiet li għandna noħorġu l-magazine li jkun ikopri is-sena 2007 u s-sena 2011, magazine ieħor li jkopri s-sena 2009 u s-sena 2012 u wara joħroġ magazine fl-aħħar sena ta' dan il-Kunsill li jkun jkopri s-sena 2010 u 2013. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li l-magazine pendenti li hemm joħroġ kif inhu u għalhekk ikun ikopri s-snin 2007 u 2008 peress li dan huwa lest u kull ma jonqos huma l-messaġġi tas-Sindku u l-Kunsillieri u jkun jista' jiġi printjat. Wara l-Kunsill għandu jaħdem biex joħroġ magazine ieħor li jkopri s-snin 2009 u 2010 u fil-futur ikompli joħroġ magazine kull sena. Il-Kunsill qabel li għandu jħallas il-kont pendenti li hemm dwar id-disinjar u tqassim tal-magazine li jkopri s-snin 2007 u 2008.

**5. Financial Statement 2010**

Il-Kunsill irċieva l-aġġustamenti li jridu jsiru għall-Financial Statement 2010 minn għand l-Uditur. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament l-aġġustamenti li jridu jsiru. Il-Kunsill approva unanimament il-Financial Statements 2010.

**6. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa**
**Mill-Korrispondenza**

i. Tony Bajada (Wasteserve Ltd) informa lill-Kunsill dwar x'ġie diskuss matul il-laqgħa li saret bejn il-Kunsill u l-istess Wasteserve Ltd. Għal dik il-laqgħa li kienet saret fil-21 ta' Marzu fl-Uffiċċju tal-Wasteserv Ltd minn naħa tal-Kunsill kienu attendew is-Sindku u l-Perit Lino Bianco. Matul dik il-laqgħa kien ġie diskuss il-proġett ta' Ġnien Ta' Blankas. Il-Kunsill għandu jagħmel talba formali biex il-Wasteserv jiprovdu servizz ta' gwardjani lokali (green wardens/guides).

Dwar l-inawgurazzjoni tal-Bring in Sites li ġew installati fl-HOS Tal-Barmil, Tony Bajada kiteb li l-Wasteserv Ltd huma nteressati li ssir konferenza. Il-Kunsill qabel li meta jkun ser isir xi proġett flimkien mal-Wasteserv Ltd, dawn għandhom jiġu nklużi ma' dak il-proġett u jingħataw l-importanza tagħhom dak in-nhar.

Is-CCTV kienet ġiet installata u anke sar tindif fl-inħawi Ta' Lambert fejn kien talab li jitnaddaf il-Kunsill. Dan ix-xogħol sar mill-Wasteserv Ltd.

Dwar il-pots kbar tax-xtieli li kellhom jitpoġġew fil-pjazza, Tony Bajada qal li dawn għadhom ma ttieħdux fil-pjazza u meta jrid il-Kunsill jista' jagħmel l-arranġamenti biex jeħodhom. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Teddy Mizzi għandu jagħmel l-arranġamenti neċessarji u anke jikkuntattja lil Charles Spiteri (Uffiċċjal tal-Wasteserv Ltd) biex dawn il-pots tax-xtieli jitpoġġew fil-pjazza. Il-Kunsillier Mizzi qal li sal-festa ta' din is-sena se jagħmel l-arranġamenti neċessarji biex dawn jitpoġġew f'post li ma jtellfux kif isir l-armar tal-festa.

Kien ġie diskuss ukoll il-possibilta li skart goff ta' kuntratturi mix-Xewkija jkunu jista' jintrema' bla ħlas fis-Civic Amenity Site, Tal-Kus. Dwar din jidher li hemm problemi biex tiġi aċċettata mill-Wasteserv Ltd. Il-Kunsill qabel li niktbu ittra dwar din il-proposta fejn nitolbu li l-ġbir ta' skart goff li jsir mill-Kunsill jiġi provdut mill-Wasteserv Ltd u anke jintrema bla ħlas fis-Civic Amenity Site. Il-Kunsill qabel ukoll li nitolbu sabiex kuntratturi li jiffunzjonaw mix-Xewkija jkunu jistgħu jarmu l-iskart tagħhom bla ħlas fis-Civic Amenity Site.

ii. Ray Abela ta' TCTC informa lill-Kunsill dwar korsijiet tal-kompjuter li ser jorganizza. Huwa talab li l-Kunsill iħallas €1100 biex dawn il-korsijiet isiru f'Għajnsielem jew ix-Xewkija flokk fiċ-ċentru tagħhom ir-Rabat. Il-Kunsill iddiskuta dwar din il-proposta u qabel li jekk il-korsijiet isiru fix-Xewkija jikkonsidra li jħallas skond il-parteċipazzjoni li jkun hemm. Jekk il-korsijiet ser isiru Għajnsielem jew ir-Rabat, il-Kunsill ma qabilx li għandu jħallas għal dawn il-korsijiet.

iii. Krista Caruana f'isem it-tim ta' produzzjoni tal-program Konfini mill-Pjazza li jixxandar fuq One TV stiednet lill-Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fi program minn din is-sensiela. Il-ħlas mitlub huwa ta' €1000 għal program. Il-Kunsilliera Marthese Portelli qalet li hija ma taqbilx li l-Kunsill għandu jieħu sehem fuq programmi ta' stazzjonijiet ta' partiti politiċi meta dawn ikunu bi ħlas. Il-Kunsillier Teddy Mizzi ppropona li min se jipproduċi l-programm għandu jiġi hu sabiex jiġbor ir-reklami u b'hekk il-Kunsill ma jkollux bżonn iħallas biex jittella' l-program. Is-Sindku ppproponiet li għandna nistaqsu lil Krista Caruana jekk matul il-program il-Kunsill jistax idaħħal ir-reklami u b'hekk il-ħlas jiġi rkuprat mir-reklami.

iv. Memo 38-2011 tittratta dwar il-50 Anniversarju mill-Mewt ta' Dun Karm Psaila. Il-Kunsilli Lokali speċjalment dawk li għandhom konnessjoni ma' Dun Karm, ġew imħeġġa biex jorganizzaw attivita biex jitfakkar dan l-anniversarju.

v. Guido Zammit tal-ETC nforma lill-Kunsill li qed jiġġedded il-ftehim ta' Derek Vella dwar l-iskema ta' Xogħol fil-Komunita.

vi. Carmel Attard, Segretarju tas-Soċjeta Filarmonika Prekursur nforma lill-Kunsill li se joħorġu magazine għal żmien il-festa. Huwa qal li jekk il-Kunsill jixtieq iwassal l-awguri tal-festa fuq dan il-magazine jista' jagħmel hekk kontra ħlas. Il-ħlas isir skond il-kobor tal-ispazju li jagħżel il-Kunsill u skond jekk hux bil-kulur jew le. Il-Kunsill qabel li għandna nwaslu l-awguri tal-festa fuq dan il-magazine u qabel ukoll li l-avviż għandu jsir bil-kulur fuq nofs paġna li l-prezz tiegħu huwa ta' €90. Fl-ittra tiegħu, Carmel Attard stieden lis-Sindku sabiex tagħmel messaġġ biex jiġi ppubblikat fuq l-istess magazine.

vii. George Azzopardi (Segretarju Action Committee dwar il-Park Reġjonali ta' Mgarr ix-Xini) bagħat stima għall-kiri ta' karozza biex tintuża meta jkun qed isir l-iskav f'Tal-Loġġa. L-istima ta' L&R Car Hire hija l-istess bħal tas-sena l-oħra (€28.50 kull ġurnata). Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta din l-istima u għalhekk George Azzopardi se jiġi nfurmat b'din id-deċiżjoni biex ikun jista' jagħmel l-ordni meħtieġa għal meta jkun ser isir l-iskav f'Lulju ta' din is-sena.

viii. David Azzopardi f'isem l-Għaqda tal-Armar ta' Triq San Bert ġabar tlett stimi għal xogħol ta' għotien tal-ħadid (biex jgħalqu l-ħofor li jsiru għall-arbli tal-festa). L-istimi huma ta' Salvu Attard (€23.60), Godwin Attard (€26) u ta' Lino Curmi (€27.50). Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol għandu jsir minn Salvu Attard li ta l-aktar stima vantaġġjuża.

## 7. Librerija Pubblika Tax-Xewkija

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li dan l-aħħar kellha diversi laqgħat dwar il-librerija pubblika tax-Xewkija. L-aħħar laqgħa kienet fl-14 ta' April u preżenti kien hemm is-Sindku, is-Segretarju Permanenti s-Sur Joe Scerri, id-Direttur Għall-Proġetti u Żviluppi is-Sur Joe Portelli, l-Assistent Direttur tal-Edukazzjoni s-Sur Reno Grech u l-Perit Godwin Sultana.

Is-Sindku qalet li matul din il-laqgħa ġew diskussi kif inhuwa ppjanat li jsir ix-xogħol ta' tkabbir tal-librerija. Ġie indikat fejn se jinbnew il-faċilitajiet sanitarji u anke kitchenette. Il-pjanta u l-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa ser issir mill-Ministeru Għal Għawdex.

Dwar il-ħajt li hemm bejn iż-żewġt ikmamar, ma kienx hemm qbil li dan għandu jitneħħa. Il-Kunsill kien talab li jitneħħa biex tiġi kamra waħda u kbira. Dan kien ukoll suġġeriment tas-Sur Gorg Borg li huwa l-Uffiċċjal responsabbli mil-Libreriji Pubbliċi. Id-Direttur Portelli qal li aħjar ma jitneħħix għax inkella jrid jinbidel il-madum u anke għar-raġuni li l-ħajt li jrid jitneħħa huwa diġa mkaħħal u mbajjad u hemm xi servizzi tad-dawl għaddejin minnhu. Minkejja li s-

Sindku qaltilhom li l-ftehim mill-bidu kien li dan il-ħajt għandu jitneħħa u li l-madum kellu jinbidel huma baqgħu jopponu din il-proposta.

Waqt l-istess laqgħa huma ddiskutew ukoll minn fejn se jingħataw l-aċċess biex jidħlu għal ground tal-football li hemm mal-iskola primarja. Ġie propost li dawn jidħlu minn naħa tal-iskola tal-MCAST (fuq wara minn Triq Jean De La Vallette). Għandhom jinbnew kmamar biex iservu għal dressing rooms, toilets u showers.

## 8. Ġnien Ta' Blankas

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li hija kellha laqgħat mal-Av. Joseph Grech (li kien qed jirrappreżenta lil Gozo Cottage). Matul dawn il-laqgħat ġie diskuss il-ftehim li kien sar bejn iż-żewġ naħat dwar il-Ġnien ta' Blankas. Gozo Cottage huma nteressati li japplikaw għall-fondi minn programmi tal-EU, l-ERDF M313. Biex ikunu jistgħu japplikaw jeħtieġ li l-ftehim li għandna jiġi emendat u mġedded. Il-Kunsill qabel li dan il-ftehim għandu jiġi emendat u mġedded.

## 9. Materja oħra

i. Emmanuel Xerri ta' Triq Mgarr ix-Xini talab biex teħel lampa ġdida fi Sqaq fi Triq Sant'Indrija peress li dan l-isqaq mudlam ħafna. Peress li l-post fejn qed jipproponi li trid teħel il-lampa mhux proprjeta tiegħu, il-Kunsill qabel li sid il-post għandu jikkonferma li jrid li l-lampa teħel mal-post tiegħu. Wara l-Kunsill ikun jista' japplika mal-Enemalta biex din il-lampa tkun tista' teħel.

ii. Is-Sindku qalet li qed ikollha diversi ilmenti dwar vetturi li qed ikunu pparkjati fil-kantuniera tal-isqaq li jiżblokka minn Triq il-Ħamrija għal Triq San Ġwann. Ġiet infurmata wkoll li minħabba dawn il-vetturi saru wkoll xi inċidenti tat-traffiku speċjalment fil-ħinijiet tad-dħul u ħruġ tat-tfal mill-iskola primarja. Għalhekk sar suġġeriment li jsiru sinjali sofor f'dawn l-inħawi. Għalhekk is-Sindku pproponiet li jsiru sinjali sofor fi Triq Ħamrija kantuniera mal-isqaq li hemm faċċata ta' Triq Widnet il-Baħar. Il-Kunsill qabel li napplikaw mal-Bord tat-Traffiku dwar din il-proposta.

iii. Is-Sindku qalet li reġgħet irċeviet ilmenti sabiex issir road hump minflokk ir-rumble strips li hemm fil-preżent fi Triq il-Knisja peress li dawn m'għadhom effetivi. Peress li l-Kunsill ħa policy li ma jsirux aktar road humps ħlief bit-tarmak meta tkun qed issir triq ġdida, il-Kunsill qabel li meta fil-futur Triq il-Knisja tkun ser issir bit-tarmak, minflokk ir-rumble strips li hemm fil-preżent, issir roadhump (bit-tarmak stess). Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

iv. Il-Kunsill qabel li t-tisqija tax-xtieli issir minn Sammy Attard. Il-prezz għal kull bowser huwa ta' €35.

v. Charlie Buttigieg ta' Triq Torri Tingi talab biex isiru sinjali sofor fl-istess triq. Huwa ppropona biex isiru sinjali sofor minn fejn Triq Santa Theodora sa Triq il-Kbira. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta.

vi. David Attard ta' Triq Kraba talab sabiex teħel lampa ġdida mal-blokka ta' flats, Battista Court. Huwa qal li din il-parti tat-triq hija mudlama. Il-Kunsill qabel li napplikaw mal-Enemalta biex din tkun tista' ssir.

vii. MaryJane Xuereb ta' Vjal il-Labour ilmentat mal-Kunsill li fl-istess triq fuq in-naħa ta' Ġnien il-Ħaddiem qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb. Hija ssuġġeriet li jitwaħlu bins apposta għal ħmieġ tal-klieb. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment. Il-Kunsill qabel ukoll li għandna nitolbu l-għajnuna tal-Wasteserv Ltd biex jitwaħlu dawn il-bins.

viii. Melissa Grech f'isem Karkanja Ltd, talbet biex faċċata ta' Misraħ Indipendenza, Triq Indipendenza jsiru sinjali sofor peress li qed isibuha diffiċċli biex joħorġu minn din il-blokka ta' bini meta jkun hemm vetturi pparkjati faċċata. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta għar-raġuni li meta talab biex fi Triq Indipendenza jsiru sinjali sofor, il-bord tat-traffiku ta' dak iż-żmien kien qal li fi Triq Indipendenza ma jistgħax isir ipparkjar ta' vetturi peress li t-triq mhix wiesgħa biżżejjed. Għalhekk m'hemmx bżonn isiru sinjali sofor għax diġa ma jistgħux jipparkjaw karozzi.

ix. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li qed tirċievi diversi ilmenti dwar il-ħin tal-ġbir tal-iskart fis-sens li l-kuntrattur KIP Għawdex Ltd qed jibda s-servizz kmieni ħafna. Fil-fatt fil-ġranet bejn il-11 u 19 t'April (meta jsir il-ġbir ta' skart kemm imħallat u anke skart separat) hija kienet issorveljat il-ħin li kien qed jgħaddi tal-iskammil. Is-Sindku qalet li fi Triq Indri Borg sas-7.30am kien ikun diġa għadda. Dan ikun ifisser li parti kbira mir-raħal ikun diġa għadda meta skond il-kuntratt ma kellux jibda s-servizz qabel it-8.00am. Il-Kunsillier Hubert Saliba qal ukoll li fi Triq San Pawl is-servizz tal-ġbir ta' skart qed isir qabel is-7.15am. Il-Kunsill qabel li għandna niktbu ittra lill-Kuntrattur biex ninfurmawh li mhux qed jimxi skond kif mitlub fit-tender u jekk mhux se jimxi mal-ftehim, il-Kunsill ser ikun kostrett li jagħmel defaults u eventwalment anke iwaqqaf il-kuntratt.

x. Is-Sindku pproponiet sabiex fi Triq Santa Katerina kantuniera ma' Triq il-Knisja isiru sinjali sofor peress li qed jipparkjaw vetturi u tkun diffiċli għal min minn Triq Santa Katerina jkun irid jdur lejn Triq il-Knisja. Il-Kunsill qabel li napplikaw mal-Bord tat-Traffiku dwar din il-proposta.

xi. M'Angelo Camilleri f'isem is-Soċjeta Filarmonika Prekursur talab informazzjoni dwar il-marċijiet li ser isiru meta ssir l-attivita Fiori D'Argenta. Huwa jrid ikun jaf minn liema toroq se jgħaddu l-marċijiet biex ikun jista' japplika għall-permessi meħtieġa. Il-Kunsill qabel li l-marċ li ser isir fl-10 ta' Ġunju jibda minn ħdejn l-Uffiċċju tal-Kunsill fi Triq Torri Tingi u jgħaddi minn Triq San Zakkarija u jintemm fi Pjazza San Ġwann Battista. Id-Defile taż-żwiemel li ser isir fit-12 ta' Ġunju għandu jibda fl-HOS tal-Barmil, jgħaddi għal Triq San Bert u jintemm fi Pjazza San Ġwann Battista.

*(F'dan il-ħin, d-9.15pm, il-Kunsillier Teddy Mizzi nforma lill-Kunsill li ma jistax ikompli jattendi għal din il-laqgħa u għalhekk ħareġ mill-Uffiċċju tal-Kunsill)*

xii. Is-Segretarju nforma lill-Kunsill li Raymond Mercieca ta' KIP Għawdex Ltd kien ġie l-uffiċċju tal-Kunsill u lmenta li peress li Transport Malta għalqu l-aċċess minn Triq

Sant'Elizabetta għal Triq Mgarr, huwa qed jiltaqa' ma' problemi biex jgħaddi bl-iskammil. Huwa ppropona li l-Kunsill ipoġġi bins on wheels in-naħa ta' fuq ta' Triq Sant'Elizabetta. Il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur għandu jsib soluzzjoni flimkien ma' Transport Malta dwar din il-problema. Il-Kunsill issuġġerixxa li biex ma' jkollux problemi, huwa għandu jaħdem din it-triq bl-iskammil iż-żgħir u b'hekk ikun jista' jdawwar in-naħa t'isfel u jerġa' jitla' mill-istess triq.

xiii. Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill dwar l-attivita li ser issir b'risq Puttinu Cares. Din l-attivita ser issir fit-8 ta' Mejju filgħodu fejn ser isir tberik taż-żwiemel. Ser jieħdu sehem folk group ukoll. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru x-xogħlijiet neċessarji biex din l-attivita tkun tista' ssir.

xiv. Is-Sindku pproponiet sabiex isiru sinjali sofor fi Triq il-Madonna ta' Ħniena kantuniera ma' Triq tal-Ħorob. Il-Kunsill qabel li napplikaw mal-Bord tat-Traffiku dwar din il-proposta.

xv. Is-Sindku pproponiet biex isir it-tindif fi Triq tal-Ħorob. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

xvi. Is-Sindku pproponiet biex issir attivita fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk is-Sindku se tieħu ħsieb biex torganizza din l-attivita.

Il-laqgħa spiċċat fl-9.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju, 2011 fis-6.00pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Av. Monica Vella
Sindku

XEWKIJA

## Skeda ta' Pagamenti

Data: 27.04.2011 Nru: 6-39

| Nru | Deskrizzjoni | Isem/Kuntrattur | Ammont Euro | Ċekk Nru |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Renewal Lulju/Ottubru 2011 | I.T.S. | 59.00 | 8595 |
| 2 | Petty Cash April 2011 | Cash | 184.71 | 8596 |
| 3 | Attivita tal-Karnival 2011 | Zakkarija Grech | 200.00 | 8597 |
| 4 | Brushes etc. | Reno's Ironmongery | 76.98 | 8598 |
| 5 | Kont tat-telefon u fax | Go plc | 298.95 | 8599 |
| 6 | Disinn u Tqassim tal-Magazine | A & M Printing Ltd. | 372.75 | 8600 |
| 7 | Cold Mix Asphalt | Road Construction Co. Ltd. | 85.76 | 8601 |
| 8 | Fjuri | Il-Gardina | 18.00 | 8602 |
| 9 | Żebgħa għal pittura-K.L. Tat-Tfal | Domenic Dept Stores | 57.19 | 8603 |
| 10 | Attivita tal-Karnival 2011 | Joe & Veronica Farrugia | 200.00 | 8604 |
| 11 | Defile tal-Karnival 2011 | Soċ. Filarmonika Prekursur | 745.00 | 8605 |
| 12 | Tindif Latrina Triq Ħamrija | Jason Sultana | 198.41 | 8606 |
| 13 | C.M. fees Marzu 2011 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 88.40 | 8607 |
| 14 | Street Cleaning Marzu 2011 | Xewkija Tigers F.C. | 923.81 | 8608 |
| 15 | Refuse Marzu 2011 | K.I.P. Għawdex Ltd. | 2106.29 | 8609 |
| 16 | Marzu 2011 Tindif Public Con. Pjazza | Projects & Dev. Dept. | 282.53 | 8610 |
| 17 | Bulky Refuse Serv. Frar/Marzu 2011 | Joseph Attard | 170.82 | 8611 |
| 18 | Toner/Refill/Format Computer | Island Tech | 255.00 | 8612 |
| 19 | Kunċert-2010 | Gaulitanus Choir | 250.00 | 8613 |
| 20 | C.M. fees re-Public Conv. | Perit Edward Scerri | 2233.76 | 8614 |
| 21 | Kunċert-2011 | Gaulitanus Choir | 250.00 | 8615 |
| 22 | Fees Connectivy April/Ġunju 2011 | M.I.T.A. | 416.85 | 8616 |
| 23 | Ritratti Gualiltana/Fidwa | John Apap | 50.00 | 8617 |
| 24 | Inizjattiva tat-tfal-K.L. tat-tfal | Gozo College Xewkija Prim. | 27.08 | 8618 |
| 25 | Servizz Delivery of parts | Gozo Express Services | 8.26 | 8619 |
| 26 | Re-Application Triq Manwala | Perit John Saliba | 50.00 | 8620 |
| 27 | Parts Bandli playfield Triq Ħamrija | Mallia Prop.&Dev.Co.Ltd. | 186.83 | 8621 |
| 28 | Kerosine (Il-Fidwa) | Attard Services Station | 59.60 | 8622 |
| 29 | Korsijiet Aerobics/General Fitness | Radu Gheorghe | 420.00 | 8623 |
| 30 | Żebgha/Roller etc. | Toolmart | 80.62 | 8624 |
| 31 | Pittura-K.L. tat-Tfal | Victor Agius | 350.00 | 8625 |
| 32 | Kont tad-dawl u ilma | ARMS Ltd. | 214.87 | 8626 |
| 33 | Kont tat-telefon | Go plc | 16.20 | 8627 |
| 34 | Patching etc. | Joseph Magro | 1912.07 | 8628 |
| 35 | Streetnames Plates | Alka Ceramics | 1032.50 | 8629 |
| 36 | Kors Embroidery | M'Louise Bajada | 250.00 | 8630 |
| 37 | Tindif tal-Uffiċċju April 2011 | Publia Xerri | 50.00 | 8631 |

XEWKIJA

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 38 | Tidif tal-Uffiċċju April 2011 | Pauline Xerri | 50.00 | 8632 |
| 39 | Kotba | Lumen Christi Publications | 292.50 | 8633 |
| 40 | Kotba | Clifford Vella | 13.90 | 8634 |
| 41 | Servizz Wirja Karozzi | Guard & Warden Serv. Ltd. | 39.60 | 8635 |
| 42 | Const. Public Conv. Triq Ħamrija | A & E Mintoff co. Ltd. | 18675.18 | 8636 |
| 43 | Librarian Services April 2011 | Monica Mercieca | 234.40 | 8637 |
| 44 | Skema ta' saħħa | Local Councils' Association | 296.00 | 8638 |
| 45 | Salarju Mejju 2011 | Segretarju Eżekuttiv | 1418.05 | 8639 |
| 46 | Salarju Mejju 2011 | Assistant Principal | 1127.34 | 8640 |
| 47 | Mayors' Allowances Mejju 2011 | Sindku | 530.33 | 8641 |
| 48 | Taxxa u Bolla Mejju 2011 | C.I.R. | 1070.38 | 8642 |
| 49 | Serv. Tilqima kontra l-influwenza2010 | Francis Vella | 510.27 | 8643 |
| 50 | Cancelled | | | 8644 |
| | | **Total €** | **38440.19** | |

Segretarju Eżekuttiv Sindku V. Sindku/Kunsillier

Approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill 424